



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Frar 2021
(OR. en)

6326/21

COHOM 32
COPS 62
CONUN 15
COASI 24
MAMA 28
COEST 44
COAFR 51
DEVGEN 30
CFSP/PESC 152

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	22 ta' Frar 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2021

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2021, approvati mill-Kunsill fit-3785 laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Frar 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2021

1. L-UE hija impenjata li tirrispetta, tipproteġi u tiggarantixxi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt u tinsab magħquda b'appoġġ għas-Sistema tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU bħala pedament tal-azzjoni esterna tagħha. Il-promozzjoni ta' sistema globali għad-drittijiet tal-bniedem hija fil-qalba tal-impenn tal-UE għat-tisħiħ tal-multilateraliżmu u t-tmexxija tal-UE fl-appoġġ tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. Fil-kuntest tal-**pandemija tal-COVID-19**, li taggrava l-inugwaljanzi preeżistenti u taffettwa b'mod sproporzjonat lill-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, l-Unjoni Ewropea tieħu l-impenn li tiżgura li d-drittijiet tal-bniedem kollha, inkluż it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa tan-nisa u l-bniet, kif ukoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, il-persuni anzjani u t-tfal, jibqgħu fil-qalba tar-rispons għall-pandemija u l-irkupru globali. L-UE tappoġġa l-implimentazzjoni effettiva tal-Appell għal Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tas-Segretarju Ġenerali tan-NU kif ukoll it-tmexxija tiegħu biex id-drittijiet tal-bniedem jitqiegħdu fil-qalba tar-rispons għall-COVID-19.
2. L-UE ser tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem globalment u **tiddenunzja l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem** kull fejn iseħħu, bl-użu tal-istrumenti kollha inkluż ir-reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, filwaqt li tafferma mill-ġdid li d-drittijiet tal-bniedem huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati. Hija ser tappella lill-istati u l-atturi mhux statali biex jipprevjenu u jindirizzaw il-ksur u l-abbużi, u biex jieħdu passi immedjati sabiex iwaqqfuhom, filwaqt li tippromwovi l-ġustizzja, l-irfiġh tar-responsabbiltà u l-għlieda kontra l-impunità.
3. L-UE ser tappoġġa bis-sħiħ il-ħidma u l-mandat tal-**Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Uffiċċju tagħha** u ser tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw l-indipendenza tagħha, jikkooperaw biex twettaq il-mandat tagħha b'mod effettiv, u biex jiżguraw finanzjament adegwat. L-UE ser tkompli tibni sħubiji biex tindirizza n-nuqqas kroniku ta' finanzjament tal-pilastru tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU. L-UE ser tinsisti li d-drittijiet tal-bniedem m'għandhomx jiġu strumentalizzati u d-diskussjonijiet għandhom ikunu bbażati strettament fuq il-fatti.

4. L-UE ser tkompli **tuża l-għodod kollha disponibbli** biex twettaq l-impenji tagħha lejn id-drittijiet tal-bniedem, inkluż fil-qafas tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (HRC), l-Assemblea Ġenerali tan-NU, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u kwalunkwe forum rilevanti ieħor, b'konsistenza mat-Trattat tal-UE u l-Karta tan-NU. Hija ser tindirizza sitwazzjonijiet f'pajjiżi terzi u tistabbilixxi l-aġenda dwar kwistjonijiet tematiċi ewlenin. L-UE ser tibqa' involuta fit-**tisħiħ tal-HRC**, inkluż billi ssaħħa ir-rabta bejn New York u Ġinevra, filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol uniku u l-valur miżjud tiegħu. Ser tfakkar li l-membri kollha tan-NU, b'mod partikolari l-membri tal-HRC, għandhom iħarsu l-ogħla standards tad-drittijiet tal-bniedem u jikkooperaw b'mod sħiħ mal-HRC u l-mekkaniżmi tiegħu. L-UE ser tkun involuta b'mod attiv fil-proċess ta' **rieżami tas-sistema tal-Korpi tat-Trattati**, u ttenni l-impenn qawwi tagħha lejn it-tisħiħ tal-effiċjenza u l-effettività tas-sistema, biex tippreserva l-integrità u l-indipendenza tal-Korpi tat-Trattati u ser tkompli taħdem biex issaħħa il-protezzjoni għad-detenturi tad-drittijiet. **L-UE ser tkompli tiddefendi u tappoġġa l-ħidma** u l-indipendenza tal-**Proċeduri Speċjali** bħala komponent essenzjali tas-Sistema tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jaderixxu għat-**trattati dwar id-drittijiet tal-bniedem** u jimplimentaw b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet tagħhom fuq livell nazzjonali. L-UE ser tibqa' ddedikata għall-ġlieda kontra l-impunità bl-appoġġ sod tagħha għall-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u tappella għar-ratifika universali tal-Istatut ta' Ruma u għal kooperazzjoni sħiħa mal-QKI.

5. **L-UE ġġedded l-appoġġ tagħha lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB) u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** u tibqa' impenjata lejn it-tisħiħ ta' mezzi kemm preventivi kif ukoll reattivi għall-protezzjoni tad-DDB, b'mod partikolari n-nisa impenjati fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem, dawk li jaħdmu fuq id-drittijiet tal-art, l-ambjent, id-drittijiet tal-popli indiġeni, id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, id-drittijiet tal-persuni LGBTI, id-drittijiet tax-xogħol, kif ukoll id-DDB l-oħrajn kollha f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-UE ser tkompli tikkundanna bil-qawwa t-theddid, l-attakki u l-qtil tad-DDB. L-UE ser tagħti attenzjoni partikolari lid-DDB li jbatu minn rappreżalji wara impenn mas-sistema tan-NU u ser tkompli tappoġġa l-ħidma tal-Assistent Segretarju Ġenerali tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan ir-rigward. Hija ser issaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-ħolqien ta' ambjent favorevoli għas-soċjetà ċivili u ser topponi restrizzjonijiet legali u amministrattivi sproporzjonati fuq organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jillimitaw il-kapaċità tagħhom li joperaw, inkluż sistemi ta' reġistrazzjoni punittivi u restrizzjonijiet fuq il-kisba ta' fondi jew restrizzjonijiet amministrattivi fuq ir-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet.
6. L-UE ser tippromwovi b'mod vigoruż u żżid l-isforzi internazzjonali lejn **l-ugwaljanza bejn il-ġeneri**, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħha. L-UE ser tuża kull okkażjoni fil-fora rilevanti kollha biex tafferma mill-ġdid il-validità ta' dawn l-impenji, inkluż fil-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istatus tan-Nisa. L-UE ser tkompli tippromwovi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fil-fora kollha tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem.

7. L-UE tibqa' tħares l-impenn lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet kollha tal-bniedem u lejn l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u għadha impenjata lejn is-**saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati**, f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-UE tirriafferma l-impenn tagħha lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkunu hielka mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni komprensivi, ta' kwalità u bi prezz li jintlaħaq dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi għall-kura tas-saħħa.
8. L-UE ser tkompli tipprevjeni u tiġġieled kull forma ta' **vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru**, inkluż il-vjolenza domestika, u tara li dawk li wettqu r-reati jerfgħu r-responsabbiltà tagħhom, inkluż permezz tal-Grupp ta' Ħbieb immexxi mill-UE għall-eliminazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet. Hija ttenni l-ħtieġa li l-irġiel u s-subien jiġu involuti fit-temma tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, fl-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, l-indirizzar tan-normi soċjali diskriminatorji u l-ġlieda kontra l-istereotipi marbuta mal-ġeneru. L-UE ser tkompli timplimenta r-Riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU u riżoluzzjonijiet tal-KSNU relatati dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, bil-għan li jkun hemm parteċipazzjoni sħiħa u ugwali min-nisa u l-integrazzjoni ta' prospettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-inizjattivi kollha ta' paċi u sigurtà.

9. L-UE ser tkompli tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet kollha tat-tfal kollha, b'mod partikolari daww f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji u d-dispozzizzjonijiet ġenerali tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-protokolli fakultattivi tagħha¹. Ser taħdem mill-qrib man-NU, b'mod partikolari r-Rappreżentanti Speċjali tas-Segretarju Ġenerali għat-Tfal u l-Konflitti Armati u dwar il-Vjolenza fuq it-Tfal. Fil-kuntest tas-**Sena Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tat-Tħaddim tat-Tfal fl-2021**, l-UE ser tippromwovi inizjattivi li jikkontribwixxu għall-eliminazzjoni tat-tħaddim tat-tfal u x-xogħol furzat fil-forom kollha tagħha madwar id-dinja u tappoġġa l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fl-implimentazzjoni tagħha.
10. L-UE ser tkompli **topponi bil-qawwa l-forom kollha ta' diskriminazzjoni** fosthom għal raġunijiet ta' sess, razza, oriġini etnika jew soċjali, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru. L-UE ttenni l-impenn tagħha għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni u għad-dritt tal-persuni kollha li jgawdu l-firxa sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. L-UE ser tkun involuta b'mod konsistenti u kostruttiv mal-mandati tan-NU li jikkonċentraw fuq il-ġlieda kontra l-vjolenza u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u ser tappoġġa l-ħidma kontinwa tan-NU b'rabta ma' dan.
11. L-UE ser tibqa' involuta b'mod kostruttiv fin-NU fil-ġlieda kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata madwar id-dinja, biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forum Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, speċjalment fil-kuntest tal-**20 anniversarju tal-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Durban (DDPA)**. L-UE ser tkompli tenfasizza l-ħtieġa li tiġi razzjonalizzata u mtejba l-effettività tal-mekkaniżmi differenti eżistenti ta' segwitu għad-DDPA.

¹ Mhux l-Istati Membri kollha tal-UE rratifikaw il-Protokolli Fakultattivi kollha tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

12. L-UE ser tibqa' impenjata għall-promozzjoni u l-ħarsien tal-**libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin**. Hija ser tikkundanna d-diskriminazzjoni, l-intolleranza, il-vjolenza, u l-persekuzzjoni kontra jew minn kwalunkwe persuna bbażata fuq reliġjon jew twemmin. L-UE ser tippromwovi u tipproteġi d-dritt ta' kulħadd li jkollu jew ma jkollux reliġjon jew twemmin, li juri jew ibiddel ir-reliġjon jew it-tweemmin tiegħu, filwaqt li tikkundanna l-kriminalizzazzjoni tal-apostażija u l-abbuż tal-liġijiet dwar il-blasfemija. L-UE ser tkompli tippromwovi u tipproteġi d-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tappoġġa d-djalogu bejn twemmin differenti bħala għodda effettiva għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tikkontribwixxi għall-isforzi tan-NU għall-prevenzjoni, ir-rikonċiljazzjoni u l-medjazzjoni tal-kunflitti, inkluż billi tikkontribwixxi għall-isforzi għas-salvagwardja tal-wirt reliġjuż, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem.
13. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw, iħarsu u jggarantixxu d-**drittijiet tal-bniedem ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi**, inkluż minoranzi nazzjonali, etniċi, reliġjużi u lingwistiċi. L-UE ser topponi l-forom kollha ta' inċitament għall-vjolenza jew mibegħda, u diskors ta' mibegħda, online u offline, filwaqt li tippreserva l-artikolazzjoni sħiħa tad-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni. L-UE ser tkompli tesprimi tħassib dwar każijiet persistenti ta' ksur u abbużi tad-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, inkluż fil-Kamerun, il-Myanmar/Burma, il-Pakistan, il-Federazzjoni Russa, u ż-żoni tal-Lvant tal-Ukrajna li attwalment mhumie x taħt il-kontroll tal-Gvern tal-Ukrajna. Fil-kuntest tal-annessjoni illegali tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u tal-belt ta' Sevastopol mill-Federazzjoni Russa, l-UE ser tkompli tappella lill-awtoritajiet Russi biex jirrispettaw id-drittijiet tal-persuni kollha li jappartjenu fost l-oħrajn għal minoranzi etniċi, nazzjonali u reliġjużi. Hija ser tkompli ssegwi bi tħassib serju s-sitwazzjoni fir-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang fiċ-Ċina b'attenzjoni partikolari għall-eżistenza ta' network kbir ta' kampijiet ta' riedukazzjoni politika, sorveljanza mifruxa u restrizzjonijiet sistemiċi fuq il-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin, kif ukoll rapporti dwar ix-xogħol furzat u l-kontroll furzat tat-twelid kontra l-Ujguri u persuni oħra li jappartjenu għal minoranzi. L-UE ser tkompli tappella għar-rispett tal-libertà tal-espressjoni, id-diversità kulturali u l-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin, partikolarment fir-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang, ir-Reġjun Awtonomu tat-Tibet u r-reġjun awtonomu tal-Mongolja Interna.

14. L-UE ser tkompli tippromwovi d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-**Popli Indigjeni** u ser tkun involuta b'mod attiv f'fora fejn id-drittijiet tal-popli indigjeni huma diskussi. L-UE ser tkompli bl-isforzi biex issaħħaħ il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti u l-istituzzjonijiet tal-popli indigjeni fil-korpi rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar kwistjonijiet li jaffettwawhom.
15. L-UE ser issaħħaħ ir-rabta bejn id-**drittijiet tal-bniedem u l-ambjent**, u ser tappoġġa miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt serju tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali fuq it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-bniedem għall-ilma tax-xorb sikur u s-sanità. Barra minn hekk, l-UE ser tenfasizza l-importanza li jiġi żgurat l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja, fi kwistjonijiet ambjentali. L-UE ser tkompli tappella lill-Istati biex iżidu l-ambizzjoni tagħhom u jimplimentaw b'mod urġenti l-impenji tagħhom skont il-Ftehim ta' Pariġi u ftehimiet ambjentali multilaterali oħra. L-UE ser tibqa' involuta b'mod attiv fir-risoluzzjonijiet tan-NU dwar ir-rabta bejn id-drittijiet tal-bniedem u l-klima u l-ambjent kif ukoll fid-diskussjonijiet li għaddejjin dwar dritt għal ambjent san, u tafferma mill-ġdid l-impenn sod tagħha għall-mandati rilevanti tan-NU.
16. L-UE hija determinata li twettaq l-Aġenda 2030 għall-**Iżvilupp Sostenibbli** tan-NU fl-Ewropa u madwar id-dinja. L-UE ser tippromwovi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem kollha, kemm jekk ikunu drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, fil-qalba tal-inizjattivi kollha relatati mal-SDGs. L-UE ser ittenni l-pożizzjoni tagħha li d-dritt għall-iżvilupp huwa bbażat fuq in-natura universali, indiviżibbli, interrelatata u interdipendenti tad-drittijiet tal-bniedem, u l-individwi huma l-atturi ċentrali u l-ixprunaturi tal-proċess ta' żvilupp.

17. L-UE ser tibqa' involuta b'mod attiv fil-fora tan-NU biex tiġbed l-attenzjoni għall-impatt ta' **teknoloġiji diġitali ġodda u emerġenti** fuq id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli tissottolinja li d-drittijiet tal-bniedem japplikaw online kif ukoll offline, tippromwovi internet miftuħ, ħieles u sikur, tiddefendi d-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data, tindirizza s-sorveljanza arbitrarja u tal-massa filwaqt li tiġġieled b'mod attiv kontra l-għeluq tal-internet, iċ-ċensura online, id-diskors ta' mibegħda, id-diżinformazzjoni u ċ-ċiberkriminalità, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tippromwovi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għat-tfassil, l-iżvilupp, l-użu, l-evalwazzjoni u l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA). L-UE ser tkompli tipparteċipa b'mod attiv fl-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Diġitali, u ser tkun involuta mal-HRC qabel il-pubblikazzjoni tar-rapport tal-kumitat konsultattiv tal-HRC dwar id-drittijiet tal-bniedem u t-teknoloġiji. L-UE ser tippromwovi l-litteriżmu fil-media u fl-informazzjoni bħala miżuri ewlenin fit-tul biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni.
18. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tal-**istituzzjonijiet demokratiċi, ir-rispett għall-istat tad-dritt**, u l-prinċipji tal-governanza tajba, l-indipendenza tal-ġudikatura u biex jiġġieldu kontra l-impunità u l-inugwaljanza. Hija ser thegġegħ lill-istati biex jiddefendu d-drittijiet ta' parteċipazzjoni sinifikattiva fl-affarijiet pubbliċi, tal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, kif ukoll tal-libertà ta' opinjoni u espressjoni online u offline. L-UE ser tkompli tikkundanna bil-qawwa t-theddid u l-attakki kontra ġurnalisti, bloggers u ħaddiema oħra tal-media. L-UE ser tkompli tfakkar fir-responsabbiltà tal-istati li jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-politiki u l-azzjonijiet ikunu konformi mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u li jiżguraw li l-libertà tal-opinjoni u l-espressjoni tiġi ssodisfata. L-UE ser tkompli tagħti attenzjoni mill-qrib u tiġġieled il-kontroll imsaħħaħ tal-istat fuq l-ispazju online. L-UE ser tkompli tipproteġi l-proċessi demokratiċi u tippromwovi miżuri biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni.

Kwalunkwe restrizzjoni fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 għandha tkun f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli ssegwi mill-qrib bi tħassib serju s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ażerbajġan, il-Bahrain, il-Bangladesh, il-Burundi, il-Kambodja, iċ-Ċad, il-Comoros, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, ir-RDPK, l-Eġittu, l-Eritrea, il-Guinea Ekwatorjali, il-Haiti, l-Iran, il-Mali, il-Filippini, is-Somalja, is-Sri Lanka, in-Nikaragwa, il-Federazzjoni Russa, ir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol, annessi illegalment mill-Federazzjoni Russa, iż-żoni tal-Lvant tal-Ukrajna li attwalment mhumie x taħt il-kontroll tal-Gvern tal-Ukranja, l-Arabja Sawdija, it-Tanzanija, it-Taġikistan, it-Turkija, it-Turkmenistan, il-Venezwela, il-Vjetnam u ż-Żimbabwe. L-UE ser tkompli tappella lill-Belarużja biex tieqaf tuża forza eċċessiva kontra dimostranti paċifiċi u biex teħles lill-persuni kollha detenuti b'mod arbitrarju. L-UE hija serjament imħassba rigward is-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma. Hija ser tkompli tappella għall-ħelsien immedjat ta' dawk kollha li ġew detenuti b'rabta mal-kolp ta' stat militari u għar-ritorn tal-Gvern ċivili leġittimu, kif ukoll għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt. L-UE ser tkompli thegġegħ lill-awtoritajiet f'Beijing u l-gvern ta' Hong Kong biex jirrispettaw l-istat tad-dritt ta' Hong Kong, id-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi, il-ġudikatura indipendenti u livell għoli ta' awtonomija f'konformità mal-Liġi Bażika ta' Hong Kong u l-impenji internazzjonali taċ-Ċina. L-UE ser tkompli tesprimi tħassib serju dwar ix-xejra negattiva kontinwa ta' spazju li qed jiċkien għall-oppożizzjoni, is-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ilħna indipendenti fil-Federazzjoni Russa.

19. L-UE ser tkompli topponi bil-qawwa l-**piena tal-mewt** f'kull ċirkustanza. Ser thegġegħ lill-istati abolizzjonisti biex jirratifikaw it-Tieni Protokoll Fakultattiv tal-ICCPR. L-UE ser tikkundanna l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt u ser tappella lill-aħħar pajjiżi li għadhom japplikawha biex jabolixxuha jew għall-inqas jintroduċu moratorju bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni sħiħa u legali, u ser tkompli thegġegħ lill-istati fejn hemm moratorju fis-seħħ biex jieħdu passi lejn l-abolizzjoni sħiħa.

20. L-UE ser tkompli tikkundanna l-użu mifruż tat-**tortura** u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra madwar id-dinja, aggravati mill-pandemija tal-COVID-19, u ser tistinka biex teqred dawn il-prattiki minn kullimkien. Hija ser tkompli tippromwovi l-isforzi biex jiġi pprojbit il-kummerċ ta' oġġetti użati għall-piena kapitali u t-tortura permezz tal-Alleanza għal Kummerċ Liberu mit-Torturi. L-UE tkompli ssegwi bi tħassib serju għadd ta' każijiet irrappurtati ta' tortura u maltrattament, partikolarment fil-Burundi, fil-Federazzjoni Russa (b'mod partikolari fir-territorju taċ-Ċeċenja), fir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol illegalment annessi mill-Federazzjoni Russa, f'żoni tal-Lvant tal-Ukrajna li attwalment mhumiex taħt il-kontroll tal-Gvern tal-Ukrajna, fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, fir-RDPK, fl-Eġittu, fl-Iran, fil-Libja, fil-Myanmar/Burma, fin-Nikaragwa, fil-Pakistan, fl-Arabja Sawdija, fis-Sudan t'Isfel, fis-Sirja, fil-Venezwela u fil-Jemen. L-UE tibqa' serjament imħassba dwar il-każijiet irrappurtati ta' detenzjoni arbitrarja, trattament ħażin u tortura fiċ-Ċina, u tappella lill-awtoritajiet biex jinvestigawhom bir-reqqa. L-UE ser tkompli tikkundanna d-diversi atti ta' tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor irrappurtati fil-ħabsijiet u ċ-ċentri ta' detenzjoni fil-Belarussja u ser tkompli tappella għal investigazzjoni kompleta u trasparenti.

21. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jirrispettaw id-**dritt umanitarju internazzjonali (IHL)** u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u biex jiżguraw li l-għajnuna umanitarja jkollha aċċess sħiħ, f'waqtu u bla xkiel biex titwassal mal-pajjiż kollu lill-popolazzjonijiet fil-bżonn u l-ħarsien effettiv tal-ħaddiema umanitarji u mediċi. L-UE ser tkompli thegġegħ lill-partijiet f'konflitti armati biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipproteġu l-popolazzjoni ċivili, b'mod partikolari n-nisa u t-tfal. Hija ser tkompli ssegwi mill-qrib f'dak ir-rigward, is-sitwazzjoni fir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol, illegalment annessi mill-Federazzjoni Russa u ż-żoni tal-Lvant tal-Ukrajna li attwalment mhumie x taħt il-kontroll tal-Gvern tal-Ukrajna, l-Etjopja, ir-reġjun tas-Saħel, il-Myanmar/Burma, l-Afganistan, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, it-territorju Palestinjan okkupat fejn Iżrael għandu obbligi skont l-IHL, il-Libja, il-Jemen, u s-Sirja, fejn il-partijiet kollha għall-konflitt jibqgħu marbutin li jirrispettaw u jħarsu l-IHL. L-UE ser tkompli tappella għal aċċess bla kundizzjonijiet u bla xkiel għan-NU u għall-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem għat-territorji, ir-reġjuni u ż-żoni ta' kunflitt kollha, inkluż fir-reġjuni separatisti Georgjani tal-Abkażja u l-Ossezja tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol, illegalment annessi mill-Federazzjoni Russa u ż-żoni tal-Lvant tal-Ukrajna li attwalment mhumie x taħt il-kontroll tal-Gvern tal-Ukrajna. L-UE ser tkompli tappella lill-partijiet għall-konflitt tan-Nagorno-Karabakh biex jirrispettaw l-IHL. L-UE ser tkompli tappoġġa l-għbir ta' evidenza u dokumentazzjoni tal-ksur kollu tal-IHL u l-ksur u l-abbużi tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, għall-finijiet tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawk responsabbli. L-UE ser tkompli tappoġġa mekkaniżmi bħall-Kummissjonijiet ta' Inkjesta u Mekkaniżmi Internazzjonali b'mandat min-NU, sabiex titwitta t-triq biex dawk li wettqu delitti gravi jerfgħu r-responsabbiltà.

22. L-UE tiddefendi l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem b'rabta mar-**refuġjati**, il-persuni spostati internament u l-migranti, b'attenzjoni partikolari għat-tfal, in-nisa u persuni oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-approċċ komprensiv tal-UE għall-migrazzjoni ser ikompli jikkonċentra fuq l-indirizzar tal-għeruq tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat, l-appoġġ għall-pajjiżi f'dak li jirrigwarda l-governanza tal-migrazzjoni, it-tfixkil tal-mudelli kummerċjali tal-faċilitaturi tad-dħul klandestin tal-migranti u t-traffikanti tal-bnedmin, il-ġestjoni aħjar tal-fruntieri esterni tal-Ewropa u l-offerta ta' opportunitajiet għal toroq legali b'rispett sħiħ tal-kompetenzi nazzjonali u waqt li jitqiesu kif xieraq ir-realtajiet attwali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19. L-UE ser tkompli tappella lill-istati kollha biex jipprevjenu t-traffikar ta' bnedmin, iħarsu lill-vittmi, jinżamm approċċ li jieħu kont ta' kwistjonijiet marbutin mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-bżonnijiet tat-tfal u jiżguraw il-prosekuzzjoni effettiva tal-awturi.
23. **It-terroriżmu** u l-kriminalità organizzata jikkostitwixxu theddida serja ħafna għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. L-UE tappella lill-istati kollha biex jiżguraw li r-rispons għal reati terroristiċi u tal-kriminalità organizzata jkun f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu teħtieġ li l-vittmi jingħataw prijorità u li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-vittmi jiġu mħarsa u promossi.
24. Fl-10 anniversarju tal-Prinċipji Gwida tan-NU **dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem** (UNGPs), l-UE ser issaħħaħ l-impenn tagħha fil-fora tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u mal-pajjiżi sħab biex tippromwovi u tappoġġa b'mod attiv l-implimentazzjoni globali tagħhom inkluż billi tappoġġa l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u billi taħdem fuq qafas komprensiv tal-UE. F'dan il-kuntest, l-UE ser tipprovdi appoġġ adatt għall-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, fl-isforzi tiegħu biex jiżviluppa pjan direzzjonali mġedded għall-għaxar snin li ġejjin dwar in-negożju u d-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tipparteċipa wkoll b'mod attiv fid-diskussjonijiet tan-NU dwar strument legalment vinkolanti dwar in-negożju u d-drittijiet tal-bniedem bil-għan li tippromwovi strument li jista' jsaħħaħ b'mod effettiv il-protezzjoni tal-vittmi ta' ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem relatati man-negożju u toħloq kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni aktar globali.